# UFFIĊĊJU STAMPA

## Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971

10 ta' Lulju, 2009
TQASSIM: MEDIA KOLLHA
MINN : C. TABONE O.P.
REF : 80/2009

## L-Arċisqof fl-Art Mqaddsa

## It-Tilet Jum u r-Raba' Jum

Żjara fis-santwarju li jfakkar il-qawmien ta' lazzru mill-mewt fil-belt Palestinjana ta' Azar, il-bibblika Betanja, kienet il-mument spiritwali ewlieni tat-tielet jum tal-pellegrinaġġ tal-Arċisqof Pawlu Cremona OP flimkien ma' madwar 160 żagħżugħ u żagħżugħa, ġurnata li rat ukoll fost l-oħrajn żjarat f'Qumran magħruf għas-sejba tal-iskrolli tat-testment il-qadim użati mis-setta Lhudija tal-Esseni u ukoll għawma fil-Baħar il-Mejjet.

Anki llum l-Arċisqof Cremona saħaq fuq ir-relazzjoni indivdiwali bejn iż-żgħażugħ u Alla, tema rikorrenti f'kull omelija tiegħu matul dawn it-tlett ijiem. Fl-isfond tal-ġrajjiet li seħħew Betanja, l-Arċisqof saħaq dwar id-dimensjoni ta' ħbiberija li għandha tieħu din ir-relazzjoni.

L-Arċisqof irrifletta li kull persuna għandu sehem minn Martha u minn Marija, u ħafna drabi il-bniedem iħalli id-diversi appuntamenti u affarijiet li jkollu x'jagħmel itellfuh mill-ftit minuti li jista' jiddedika għal Alla. "Ħafna drabi rridu niġġieldu mal-egoiżmi tagħna tal-ħajja, huwa qal liz-żgħażagħ miġbura fis-santwarju ta' betanja. Huwa fisser li ħafna drabi il-bniedem jfittex wisq dak li jrid hu, u ma jagħtix cans għal dak li jrid jagħtina Alla. Huwa saħaq li Alla għandu mħabba personali u ndividwali lejn kull żgħażugħ u żagħżuha, għaliex aħna m'aħniex bħal fliexken tal-cocacola, kollha l-istess".

### Ir-Raba' Jum

Il-kliem ta' "Fuq tiben f'Maxtura" illum dwew fil-Grotta fejn skont it-tradizzjoni twieled Ġesù hekk kif madwar 20 żgħażugħ u żagħżugħa, filgħaxija, reġgħu lura f'dan is-santwarju li kienu diġà żaru iktar kmieni matul il-ġurnata u hemm qattgħu madwar siegħa quddiem l-istilla li timmarka l-post fejn jingħad li twieled Ġesù. Dan għamluh għat-tbissima ta' soru u patri Ortodoss li kienu fil-Grotta u li taż-żamma tagħha huma risponsabbli.

Il-Grotta ta' Betlehem kienet esperjenza kommoventi għall-pellegrini żgħażagħ li bħalissa jinsabu fl-Art Imqaddsa għal pellegrinaġġ ta' tmint ijiem flimkien mal-Arċisqof Pawlu Cremona OP. Il-ġurnata bdiet b'quddiesa filgħodu fil-Knisja ta' Santa Katerina li tinsab biswit

is-santwarju, u li matulha l-Arċisqof emeritus Ġużeppi Mercieca fakkar fuq is-sempliċità tat-twelid ta' Kristu u s-sejħa ta' kull Nisrani li jkun sempliċi u umli f'dak kollu li jagħmel. Għall-ħabta ta' nofsinhar, imbgħad il-pellegrini Maltin ingħaqdu mal-purċissjoni tal-Patrijiet Franġiskani fis-santwarju tan-Nativită u fl-għar fejn jingħad li twieled Ġesù. Il-ġurnata kienet tinkludi ukoll żjajjar fis-santwarju ta' fejn jingħad li Marija sqiet lil binha Ġesù waqt il-ħarba lejn l-Eġittu, santwarju fejn Insara u Misilmin mill-Art Imqaddsa li jkunu se jwelldu jmorru jitolbu, kif ukoll żjajar fis-santwarju tar-Rgħajja u s-santwarji marbuta mal-viżitazzjoni ta' Marija lil Eliżabetta u t-twelid ta' Ġwanni l-Battista.

Kull wieħed minn dawn is-santwarji kienu esperjenza partikolari, iżda l-iżjed li miss liż-żgħażagħ kienet bla dubju l-Grotta tan-Nattività hekk kif, lura fil-Casa Nova tal-Franġiskani, li tinsab fl-istess kumpless tas-Santwarju tan-Nattività, qtajja qtajja bdew jerġgħu iżuru l-grotta għal mumenti ta' talb u riflessjoni.

Ta' min ifakkar li l-grotta hi gvernata mill-hekk imsejjah Status Quo impost fi zmien l-Imperu Ottoman u li jirregola l-ħinijiet għall-Kattolici, Ortodossi u Armeni. Dawn id-drittijiet huma spiss frott ta' konfrontazzjoni u għalhekk it-tbissima tas-soru u l-patri Ortodoss għall-kant bil-Malti tal-pellegrini maltin kien ġest ekumeniku simboliku ħafna li żied mal-kommovenza tal-mument.

Jirraporta Stefam Cachia mil-Art Mqaddsa.